**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 622/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**vs**
**Darren Spiteri**

**Illum il-Hamis 19 ta' Jannar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Darren Spiteri, ID card numru 352279M, iben Carmen Gariani, data tat-twelid 22 ta' Lulju, 1979, 37 sena, imwieled tal-Pieta', indirizz 24 Triq l-Iskola Hal-Qormi.

Billi akkuzat talli fis-27 ta' Novembru, 2016 ghal habta ta' bejn 12:00 p.m. u 12:15 p.m. gewwa Triq Santa Monika, Hal Tarxien, Malta bil-hsieb li jaghmel reat billi jisraq minn St. George's Bakery, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1), 261, 267, 263, 264 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 liema serq aggravat bil-mezz u valur.

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuna kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' oggetti ohra, li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu kif ukoll instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal

ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9.

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel reat billi jidhol fi St. George's Bakery Triq Santa Monika, Hal Tarxien, Malta lok iehor jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor, ghall-fatt biss tad-dhul hawn fuq imsemmi, meta mic-cirkostanzi kien jidher li l-hsieb tal-hati kien li jaghmel serq jew hsara lil proprjeta' jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d), inkella meta kien gia gie kkkundannat ghal xi reat minn dawn jew ghal wahda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(i) u (w), liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1), 330 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9.

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Darren Fenech, mobbli jew immobbli billi ghamel hsara fil-bieb ta' St. George's Bakery ghal dannu ta' inqas minn €23 rispettivament u dan bi ksur tal-Artikoli 325(1) (d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzii kienu moghtija lil Darren Spiteri u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 28 ta' Novembru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', current incident report bhala Dok HC1, fedina penali bhala Dok HC2, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat bhala Dok HC3, dikjarazzjoni ta' rifjut ghal jedd ghal parir legali bhala Dok HC4, stqarrija bhala Dok HC5, il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja bhala Dok HC6.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 28 ta' Novembru, 2016 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt li l-parte civile ddikjaraw li mill-fond in kwistjoni ma nsteraq xejn u ma sarux hsarat.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1), 261, 263, 264, 287, 265, 266, 330, 338(i), 325(1)(d), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjdou ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qeghda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ghal zmien erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum taht penali ta' elfejn ewro (€2,000), milli javvicina jew jivvessa lil Darren Fenech u Mario Fenech.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**